**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**LAQGĦA NUMRU 16 – IT-TLIETA, 8 TA' NOVEMBRU 2011 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo | Chairman |
| Alfred Mangion | Viċi Chairman |
| Janet Barthet | Membru |
| Robert Vella Bonnici | Membru |
| Salvatore Mousù | Membru |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

**1 Minuti Numru 13**

1.1 Kien hemm żewġ korrezzjonijiet. F'13.1.3 wara "kien bgħatt talba" għandha tidħol il-frażi "bil-miktub lis-Sur Mark Farrugia, il-PA tal-Kap tal-Oppożizzjoni". F'13.1.4 għandha tinbidel u tinqara "Saret diskussjoni rigward minuti numru 12.1.14 u minuti 12.1.15. Kien hemm disgwid rigward din u s-Sur Vella Bonnici ikkonferma li kien għamel apoloġija lis-Sur Mangion bit-telefown.

1.2 Is-Sur Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjorina Janet Barthet issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Minuti Numru 14**

2.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni f'Minuti Numru 14.

2.2 Dr Frank Bartolo ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjorina Janet Barthet issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Minuti Numru 15**

3.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni f'minuti numru 15.

3.2 Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Dr Frank Bartolo ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni miċ-*Chairman*

4.1 Il-Kumitat ta merħba lis-Sur Salvatore Mousù bħala membru ġdid.

4.2 Il-kont li wasal il-Kunsill mill-ELC għall-*planters* li saru ġewwa l-Kappara rriżulta li kien żball u l-Kunsill għandu jirċievi *credit note* tal-istess ammont.

4.3 Ġiet diskussa ittra mit-34U biex ninfurmawhom jekk hemmx xi żoni fil-Kappara li jistgħu jinżergħu xi siġar. Ġie stabbilit li ma kienx hemm ebda post.

4.4 Ġiet diskussa s-sitwazzjoni fi Triq il-Kuċċard. Għandha ssir tindifa tajba nhar is-Sibt 12 ta' Novembru.

4.5 Ġiet diskussa s-sitwazzjoni rigward l-iskips għal skart domestiku fil-Kappara. Kien hemm qbil li dawn l-iskips għandhom jiġu eliminati u l-ġbir tal-iskart domestiku jsir *door to door*. Għandha tintbagħat ittra ta' informazzjoni fid-djar meta din tkun ser issir.

4.6 Is-Sur Mangion ġie maħtur Viċi Chairman wara r-riżenja tal-Viċi Chairman. Dan kien possibbli wara li s-Sinjorina Janet Barthet infurmat lis-Segretarju li hi ma xtaqitx toqgħod minħabba impenn tax-xogħol.

## 5 *Tender Street Cleaning* Kappara, San Gwann

5.1 Ġiet diskussa t-*tender* tas-*Street Sweeping* fil-Kappara. Għandha tintbagħat ittra għal aktar informazzjoni, u wara tissejjaħ laqgħa ta' Bord magħmul minn membri tal-KAK fejn l-offerti jiġu aġġudikati.

## 6 *Tender* Ġnien G M Camillieri

6.1 Ġiet diskussa l-unika offerta għal din is-sejħa. Ġie deċiż li tiġi riferuta lill-Perit tal-Kunsill u jekk ma jkunx hemm problemi tiġi mgħoddija fil-laqgħa tal-Kunsill.

## 7 Affarjiet oħra

7.1 Is-Sur Mousù irrimarka rigward is-servizz tal-*warden* ħdejn l-iskola Chiswick fi Triq Antonio Schembri u rigward in-numru ta' rampi taħt il-bankini quddiem il-garaxxijiet. Saret diskussjoni fuq dawn.

7.2 Saret diskussjoni rigward il-bżonn li ELC tieħu ħsieb is-*soft area* fi Triq Birkirkara kantuniera ma' Triq il-Kuċċard u rigward l-installazzjoni ta' *Doggie bins*.

7.3 Ġiet ippreżentata kopja tal-Bord tal-Governanza rigward id-diżgwid li kien hemm bejn is-Sur Alfred Mangion u s-Sur Anthony Mifsud Bonnici.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 20 ta' Diċembru 2011 fis-6.00pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Dr Frank Bartolo**
**Chairman**